MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 110/2012

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Leo Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 511483(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta’ April, 2006, u matul dawn l-aħħar sitt xhur ta’ qabel din id-data:

a. Biegħ jew xort’oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom

bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

U aktar talli nhar is-7 ta’ April, 2006:

c. Ittraffika, biegħ, qassam, jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 8(a), 8(b), 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Avviz Legali 22/1985 sabet lill-appellant ħati u kkundannatu piena karċerarja għaż-żmien ta’ tliet snin. Ikkundannatu ukoll illi jħallas multa ta’ €3,000.

Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kkundannat lill-appellant ghal hlas ta’ l-ispejjez peritali ghall-ammont €849.17.

Ordnat il-konfiska tad-droga kollha lilha esebita li ġġib l-ezebit numru KB 123.2007 u d-distruzzjoni ta’ l-istess tramite l-Ispizjar Mario Mifsud, kif ukoll dak kollu lilha esebit, ċioe` KA 166.2006 (mobile Samsung), għajr ghall-

vettura appartenenti lil Kristen Mifsud u dokumenti personali tal-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti tagħha fejn sabet lill-esponent ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena inflitta billi tinfliggi piena li tagħmel aktar għall-każ.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fil-fatt li l-piena imposta fiċ-ċirkostanzi kienet eċċessiva.

F’dan ir-rigward jingħad illi mhuwiex kontestat li l-piena hija fil-parametri tal-ligi.

Dana ammess pero` jibqa` l-fatt li f’kull kaz fih il-fattiespecie tiegħu. Issa pero’ dana l-fattur l-ewwel Qorti deherilha li kellha tiskartah fuq ir-raġunament li ghandha timxi kif imxiet f’kazi ohra decizi mill-istess Qorti kif preseduta f’dan il-kaz. B’hekk, donnu in omagg għal xi kriterju ta` uniformita’, l-ewwel Qorti stqarret testwalment is-segwenti:

“*L-attenwanti fil-piena b’mod generali hija l-ammissjoni bikrija, f’dan il-kaz in kwantu l-imputat kien ovvjament qed jistenna l-ħruġ tal-Kontro Ordni, għażel kif kien dritt tiegħu li jirregistra din wara tali ħruġ. Taħt il-Liġijiet tad-droga, l-akbar attenwant jinkiseb ex lege bl-applikazzjoni ta l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 ta!-Ligijiet ta` Malta, artikolu li hawn mhux applikabbli. Frankament qhalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem għala, a kontrarju ta` kawżi oħra simili, għandha titratta mal-imputat b’mod aktar agevolanti*”

Issa, pero’, jigi rilevat li l-insenjament ta’ din l-Onorabbli Qorti u tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) huwa

bl-inveri. In effetti hemm gurisprudenza kopjuza li l-paraguni huma odjuzi u dana propju minhabba l-fatt li kull kaz fih l-aspetti partikolari tiegħu li jiddistingwuh.

Tabilħaqq li kieku wieħed kellu, għall-grazzja tal-argument, jagħmel l-eżerċizzju li riedet tagħmel l-ewwel Qorti, allura wieħed ukoll ma jistax ma jsibx raġuni ulterjuri fejn jissaħħaħ l-argument li l-piena erogata f'dan il-każ kienet ferm gravuża. In effetti, f'sentenza mogħtija nhar l-4 ta Awissu 2011 fil-proċeduri fi-ismijiet "The Police (Inspector Dennis Theuma) vs Hernan Adahmer Oritz" l-istess Qorti tat piena ta' tliet snin priġunerija fejn l-akkużat kellu mhux anqas minn sbatax (17)- il akkuża, inkluż akkużi taħt l-Artikoli 96, 95, 222(2) tal-Kap 9, ebda ammissjoni u ammont u varjeta' ferm ikbar ta' sostanzi illeċiti u ebda applikabilita' tal-Artikolu 29. Fuq dana l-aspett pero' l-esponent ser jieqaf hawn u dana propju għaliex l-insenjament ta din il-Qorti u tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) huwa, kif ingħad, ben divers.

Illi għalhekk l-ewwel Qorti, stante li skont hi ma kienx hemm l-applikabilita' tal-Artikolu 29 u sabiex tkun konformi magħha nnifisha, skartat l-aspett tal-progress li l-esponent għamel biex ħareġ mill-vizzju akuta tal-konsum tad-droga.

Il-bran relattiv mis-sentenza appellata huwa s-segwenti:

"Issa huwa veru li l-imputat għamel ċertu progress in kwantu għall-vizzju li kellu f!-abbuż tad-droga u f'dan għandu jigi nkurraġġit u mbuttat billi jsib għajnuna mill-awtoritajiet kompetenti".

Fuq dan jingħad, fi-ewwei lok, li l-imputat għamel ftit aktar minn "ċertu progress". In effetti minn sitwazzjoni li kienet tezisti sitt (6) snin ilu ta' problema akuta ta' użu frekwenti ħafna ta kannabis u ecstasy, qegħdin f'sitwazzjoni fejn l-esponent, anki bl-intervent tal-Caritas u bis-support kontinwu tal-famiija tiegħu, ma għandu ebda problema ta' droga u huwa kompletament riabilitat.

Illi għalhekk, fit-tieni lok, aktar milli jigi nkorraġut, l-esponent fuq dana l-aspett, ghandhu jigi kongratulat. Bir-

rispett, bis-sentenza tagħha, l-esponent ġie imbuttat fil-ħabs li żgur li mhux awtorita` kompetenti li tista' tgħinek toqgħod 'il bogħod mid-droga. Anzi pjuttost jirrizulta bl-oppost (ara f'dan is-sens fost oħrajn is-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-proceduri fi-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Josette Bickle deċiża nhar il-15 ta' Dicembru 2011).

Illi b'hekk jidher car li ghall-ewwei Qorti dana l-aspett tar-riforma tieghu gie skartat fl-ikkalibrar tal-piena biex b'hekk l-ewwei Qorti naqset milli tohloq dak li-bilanc necessarju bejn l-interessi tas-socjeta` u r-riforma tal-esponent. Kif sewwa sostniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Charles Muscat deciza nhar id-9 ta Mejju 2002 fejn gie ritenut:

"Illi din il-Qorti speċjalment f'każijiet bħal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilanċja ukoll l-interess ta' l-appellant u tar-riforma tiegħu bħala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent għalih u għall-persuni oħra li mbarkaw jew beħsiebhom jimbarkaw fuq attivita' tant noċiva għas-socjeta' bħalma hu l-ispaċċ jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta' tenera, fenomenu dan li ta' kuljum u kull ma jmur qed joħloq pjaga fis-socjeta` u bir-raġun jikkrea allarm socjali li jesigi li min jinstab ħati ta' għemil simili jaħsad dak li jkun żera f'termini ta' piena".

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza Pulizija vs Mark Mifsud deċiża fis-6 ta' Diċembru 2002 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

"Huwa veru li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi personali tal-ħati (inkluż xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-Qort!) b'mod li ma jinjorax għal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tiegħu, pero` meta si tratta ta' reati serji bħalma huma traffikar ta' droga, **l-element tad-deterrent u tal-ġustizzja mas-soċjeta` għandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni**. L-unika konċessjoni li din il-Qorti hi lesta li tagħti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali".

F’dan -isfond tajjeb ukoll li jigi mfakkar li l-kunċett tal-piena huwa, aktar milli kwistjoni ta’ uniformita`, materja fejn wieħed jipprova joħloq bilanċ bejn il-kunċett ta’ deterrent u l-kunċett tar-riabilitazzjoni tal-ħati. Il-każ klassiku li jispjega l-evoluzzjoni storika ta’ dawn iż-żewġ kuncetti huwa l-kaz deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-1 ta’ Diembru 1994 fil-proċeduri fl-ismijiet “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Ivan Gatt”. Il-bran relattiv huwa s-segwenti:

“Storikament l-element tad-deterrent flimkien ma’ dak tar-retribuzzjoni huma konsidrati fost l-iskopijiet prinċipali tal-piena. Fil-fatt fis-seklu tmintax, studji famuzi bħal Cesare Beccaria fl-Itaija, Jeremy Bentham fl-Ingilterra u P.J.A. von Feuerbach fil-Germanja, tlett esponenti ewlenin ta’ l-iskola klassika flx-xjenza tal-kriminologija, ibbażaw it-teorija tagħhom ta’ delitti u pieni fuq il-kunċett ta’ deterrent generali. Kif jillustraha Joannes Andeneus (Encyclopedia of Crime and Justice, Vol. 2, taħt il-voce Deterrence, p. 5592).

‘The central idea was that the threat of punishment should be specified so that in the mind of the potential lawbreaker the fear of punishment would outweigh the temptation to commit the crime. The penalty should be fixed by law in proportion to the gravity of the offence’.

Dawn l-istudjuzi, pero’, rarament ikkonsidraw l-aspett tal-effetti morali tal-liġi kriminali mentri effettivament dan l-aspett huwa wieħed minn dawk importanti billi l-ligi kriminali mhix biss skala ta’ delitti u pieni f’sens astratt iżda hija essenzjalment espressjoni tad-disapprovazzjoni tas-soċjeta’ għal ċerta imġiba. Fis-seklu li għadda, pero’, u fl-ewwel parti ta’ dan, spikkat l-importanza ta’ dak li hu komunement maghruf bħala “treatment and rehabilitation” ta’ min ikun kiser il-ligi. F’dan il-process, sfortunatament, kien hemm ukoll min beda jemmen li l-element tad-deterrent huwa ineffikaċi, anki jekk effittivament ebda sistema legali ma abbandunat il-kuncett tad-deterrent bħala wieħed mill-aspetti inerenti għal piena bħala deterrent rega’ beda jigi studjat u riċerkat u fil-fatt ilium

hemm l-iskola neo-klassika fix-xjenza kriminoloġika li tagħti importanza għall-aspett tad-deterrent għalkemm fi-ebda ħin ma ġie aċċettat li huwa sewwa li jingħataw sentenzi eżemplari li aktar milli jistgħu jservu bħala deterrent għal ħaddiehor, għandhom effett li jikkastigaw lill-ħati b'ċerta severita' li taħt kull ċirkostanza ma tistax ħlief tiġi konsidrata eċċessiva preċiżament għax trid isservi ta' ezempju għal ħaddieħor. In realta', is-servita' tal-piena għal dak li huwa deterrent, hija espressa fil-mizura ta' piena li tistabbilixxi l-liġi stess, fejn hemm minimu u massimu, dan qiegħed hemm biex il-Qorti tuża u tkejjel il-ġudizzju tagħha tenut kont tal-fattispecjj u gravita' partikolari tal-każ, taċ-ċirkostanzi relativi għall-ħati, u ta' fatturi u ċirkostanzi oħra li fix-xjenza kriminoloġika u dik ta' penologija huma aċċettati bħala li għandhom jindirrizaw lill-Qorti tiddeċiedi kif għandha tittratta ma' l-individwu li jkun instab hat!. Il-piena, pero' m 'għandhiex tkun miżurata b 'mod illi l-ħati jħallas b'piena akbar biex iservi ta' eżempju għal haddieħor.

Illi, inoltre, jigi puntwalizzat li f'dan il-każ l-esponent mhux biss rregistra ammissjoni, meta ħarġet il-kontro-ordni, ossija fil-mument li huwa kien mgħarraf bit-totalita' kollha tal-provi li għandha fil-konfront tiegħu l-prosekuzzjoni stante li f'dan il-pajjiż għad ma jeżisti ebda obbligu ta "disclosure" (sic), iżda inoltre għamel perjodu ta` ferm aktar minn sena taħt arrest preventiv. Huwa għalhekk ukoll li jidher li huwa żball ir-riferenza li d-difiza stiednet lill-ewwel Qorti tikkundanna lill-esponent għal piena karċerarja ta' sitt xhur. U dana apparti l-fatt li bil-konkors tal-pieni l-minimu huwa ta' tmien (8) xhur. Tabilħaqq huwa paċifiku li, fil-każ meta l-ordni tal-Avukat Ġenerali tkun li l-każ jiġi ttrattat mill-Qorti Kriminali xorta waħda ssir il-kumpilazzjoni kollha. Kwindi l-ammissjoni tal-esponent saret f'waqtha u intiża sabiex il-proċess ma jigix dilungat.

Di piu' ma saret ebda riferenza għall-fatt li dan il-każ jirrisali għal sitt snin ilu u dana l-fattur, fl-umli fehma tal-esponent, ukoll għandu jinċidi fuq il-piena. Ukoll huwa evidenti li fl-ikkalibrar tal-piena l-kunċetti tal-assorbiment u tal-konkors formali tar-reati u tal-pieni gie skartat jekk mhux addirittura minsi.

Illi, inoltre, lanqas ma għandu l-esponent jigi punit għaliex f'dan il-każ ma kienx applikabbli l-Artikolu 29 tal-Kap 9 benche li mhuwiex ċar jekk dan huwiex il-każ. Li huwa car huwa pero` li għall-ewwei Qorti l-akbar attenwant huwa l-Artikoiu 29 tal-Kap 101.

Ikkonsidrat

Li f'dan l-appell il-ħtija tal-appellant mhix qed tiġi kontestata u għalhekk l-appell huwa dwar il-'quantum' tal-piena biss. Fil-fatt l-aggravju huwa wieħed u d-diversi paragrafi huma aspetti differenti tal-istess aggravju. Fil-qosor l-aggravju jinqasam f'dawn il-punti (a) it-tqabbil ma' sentenzi oħrajn; (b) l-istadju meta saret l-ammissjoni; (ċ) il-progress li għamel l-appellant; (d) l-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) u 17(h) tal-Kap 9; (e) l-artikolu 29 tal-Kap 101 u l-artikolu korrispondenti għalih fil-Kap 31 (f) it-tul tal-proċeduri.

**Il-Fatti**

Il-Qorti qrat il-proċess kollu – inklużi x'qalu x-xhieda diretti, kemm membri tal-Pulizija kif ukoll persuni oħrajn mill-pubbliku, ir-rapport tal-Probation Officer, u r-rapporti tal-esperti maħturin mill-Qorti waqt l-inkjesta. Mix-xhieda ta' Paul Caruana Turner jirriżulta li l-ispaċċjar **sar aktar minn darba** (ara fol 135).

Bħala fatt jiriżulta li l-ispaċċjar sar aktar minn darba u l-ammonti misjubin kienu 90.02 gramma tal-cannabis b'purita' ta' 7.3% u 199 pillola ecstasy. Jeżisti l-assorbiment fis-sens li l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) u l-imputazzjoni (d) hija assorbita fl-imputazzjoni (ċ).

L-ewwelnett intqal kemm-il darba li Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti sakemm din tkun fil-parametri tal-Liġi u mhux xi waħda sproporzjonata. Il-Qrati Maltin qalu wkoll li l-paraguni bejn każ u ieħor huma odjużi u li kull każ għandu storja għaliha. U li l-ġudizzju aħħari hu aktar arti milli

xjenza. Hawn il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et' deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-26 ta' Frar 2009 għaliex din is-silta hija espożizzjoni ċara ta' dawn iż-żewġ prinċipji f'daqqa:

**'8.** Fil-verita`, dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l- ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza
ta' l-ewwel qorti) li kien jinċidi b' mod partikolari fuq il-piena. S' intendi, kif diga` ngħad, "sentencing is an art rather than a science" u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f' każ ma' dik erogata f' każ ieħor. '

Il-Qorti qrat ukoll b'attenzjoni s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk:

'Taħt il-Liġijiet tad-droga , l-akbar attenwant jinkiseb 'ex lege' bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu li hawn mhux applikabbli. Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem għala, a kontrarju ta' kawżi oħra simili, għandha tittratta mal-imputat b'mod aktar aġevoli.' (fol 416)

F'din is-sentenza m'hawn imkien imsemmijin xi sentenzi oħra b'isem speċifiku mogħtija mill-istess Qorti kif preseduta. Il-Qorti tinterpreta l-aħħar sentenza tas-silta bħala sforz biex il-Qorti tipprova timxi ma' sentenzi oħra li kienet tat qabel u rraġunat li ma kienx hemm xi raġuni soda biex f'dan il-każ timxi mod ieħor.

Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha telabora aktar fuq il-kwistjoni ta' tqabbil bejn sentenza u oħra.

**L-Istadju li fih saret l-ammissjoni**

Dwar it-tieni punt – meta saret l-ammissjoni – mis-sentenza jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tat piż għall-fatt li l-appellant kellu d-dritt li jirreġistra l-ammissjoni wara l-ħruġ tal-kontro-ordni. (ara fol 416). Ma jirriżulta minn imkien li l-Qorti injorat din l-ammissjoni hija u tiddeċiedi l-quantum tal-piena.

**Il-Progress tal-Appellant**

Dwar it-tielet punt – il-progress li għamel l-appellant matul il-proċeduri – l-appellant jissottometti li huwa għamel aktar minn 'ċertu progress'. Il-Qorti qrat b'attenzjoni r-rapport tal-Probation Officer u qisitu mill-aspetti kollha. Hija ħasra li ma kompliex jistudja kif kien beħsiebu jagħmel –ara fol 384 – u dan minħabba t-tgħajjir minn sħabu wara li ismu deher fil-gazzetti. **L-appellant għandu s-support tal-familja u l-għajnuna li sab mill-professjonisti ġewwa l-istruttura tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, skont ma qal l-appellant innifsu, kienu kruċjali sabiex jagħmel progress.** L-enfasi hawn huwa tal-Qorti li tifhem kemm l-għajnuna tal-familja hija dejjem indispensabbli u fil-każ tad-drogi din l-għajnuna tiswa mitqlu deheb. Iżda l-Qorti ħasset li għandha ssemmi wkoll ir-rikonoxximent ta' dan iż-żagħżugħ għall-għajnuna li rċieva mill-professjonisti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għaliex dan huwa aspett pożittiv dwar il-ħdima li tista' ssir f'din l-istituzzjoni.

Imma l-Ewwel Qorti ma naqsitx li tikkummenta dwar dan l-aspett ukoll. **U wieħed għandu jżomm f'moħħu li huwa fil-ġudizzju ta' min jagħti s-sentenza kemm għandu jagħti każ ta' dan l-aspett. Fi ftit kliem, dan mhux xi dritt għal tnaqqis bħalma wieħed għandu jgawdi minn ammissjoni bikrija jew mill-artikolu 29 tal-Kap 101.** Anzi ġieli ingħad – bħalma jidher minn waħda mis-sentenzi kkwotati mill-appellant stess – li l-Qorti tal-Appell Kriminali żammet quddiem għajnejha l-ħsara li tkun saret lis-soċjeta'. Qed issir referenza għas-sentenza 'Il-Pulizija versus Mark Mifsud' tas-6 ta' Diċembru, 2002 kkwotata aktar 'il fuq fejn **din il-Qorti** għamlet enfasi fejn

jidhru kliem stampati **b'ittri grassi**. Mill-istess sentenza l-Qorti qed tislet dan li ġej:

'Jagħmel żball min jaħseb li jista' jisforza idejn il-qorti billi jammetti wara li jkun temm xi kors ta' riabilitazzjoni jew kiseb impieg (bħalma huwa l-każ tal-appellant tas-sentenza ċitata), speċjalment f'każijiet ta' traffikar ta' droga fejn il-piena ta' priġunerija hija obbligatorja.'

Iżda fuq kollox, mill-kliem tas-sentenza ma jidhirx li l-ewwel Qorti injorat dan l-aspett għal kollox għaliex dan l-aspett semmietu. Li ma ħaditx in konsiderazzjoni b'mod ċar kien l-artikolu 29 tal-Kap 101. Fil-każ tal-aħħar kellha raġun għax ma kienx applikabbli. .

**L-assorbiment**

Fis-sentenza mhux imsemmija b'mod espliċitu l-artikolu 17(b) u 17(h) tal-Kap 9. Din il-Qorti ser tikkonsidra dawn iż-żewġ artikoli fid-decide minħabba, li kif diġa' kien spjegat l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) u l-imputazzjoni (d) hija assorbita fl-imputazzjoni (ċ). Biss hemm ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 17(b).

**L-artikolu 29 tal-Kap 101 u l-artikolu korrispondenti għalih taħt il-Kap 31.**

L-appellant jissottometti li huwa ġie qisu 'ppenalizzat' mill-Qorti għax ma setax jibbenefika minn dan l-artikolu. Bir-rispett kollu, il-Qorti għarblet is-sentenza sew u ms sabitx din il-penalizzazzjoni. Kulma qalet il-Qorti tal-Maġistrati huwa li dan l-artikolu huwa l-akbar 'attenwant'. Fil-fatt ħarsa lejn dan l-artikolu tindika nżul sa żewġ gradi waqt li l-piena pekunjarja tonqos b'terz jew nofs. Eżerċizzju ta' kif il-piena tista' tonqos wara eżami tal-artikolu 31 tal-Kap 9 turi kif il-piena tinżel drastikament. Dwar il-piena pekunjarja, tnaqqis b'terz minn multa ta', biex jingħata eżempju, ta' 9000 Ewro, jekk tonqos bin-nofs issir 4500 Ewro u jekk b'terz issir 6000 Ewro. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha raġun tqis l-applikazzjoni tal-artikolu 29 bħala l-akbar attenwant. Min-naħa l-oħra din il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-appell fejn kien sottomess li l-appellant sofra

xi penalizzazzjoni għaliex ma kienx japplika l-artikolu 29 tal-Kap 101.

**It-Tul tal-proċeduri**

Il-proċeduri twalu xi ftit għal diversiiżda daqqa kien : fost dawn talba min-naħa tad-difiża sabiex tkun deċiża kawża oħra (ara fol 222), xi espert ma kienx espleta l-inkarigu mogħti lilu, l-uffiċjal prosekutur kien impenjat b'xogħol ieħor jew kien indispost, daqqa deher l-avukat difensur u ma deherx l-imputat, daqqa l-imputat mhux assistit, rikorsi tal-avukat ġenerali skont l-artikolu 432 tal-Kap 9, talba għal smigħ mill-ġdid ta' xhieda li jkunu diġa' xehdu u ma jkollhomx xi jżidu, apparat tar-recording li ma jkunx jirrekordja, u differiment biex isir il-pre-sentencing report. Kien hemm mument meta l-Qorti nsistiet biex jinstemgħu x-xhieda l-oħra kollha li kien fadal u ċaħdet talba għal differiment. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fil-25 ta' Awwissu 2009. Id-difiża għalqet il-provi tagħha fit-8 ta' Novembru 2011. Is-sentenza ngħatat tliet xhur u nofs wara li żgur mhux xi tul taż-żmien meta tqis li l-proċess kien diġa' fih 413 il-paġina. Il-proċess beda fis-7 t'April, 2006. **Żgur li l-Qorti għamlet minn kollox biex tħaffef il-proċess iżda jidher li l-affarjiet ikkomplikaw ruħhom meta kien hemm ukoll bidla tal-Prosekutur fl-uffiċju tal-Avukat Ġenerali.** Meta jitqies kollox, ma kienx hemm xi dewmien esaġerat. Jekk il-Prosekuzzjoni setgħet għalqet il-provi qabel, meta mbagħad saret l-ammissjoni mill-appellant, ma kienx hemm għalfejn jgħaddu sentejn u xahrejn biex jingħalqu l-provi tad-difiża. Biss ser tagħti każ ta' din is-sottomissjoni b'mod limitat.

**Decide**

Il-Qorti qed tilqa' l-appell f'dik il-parti tiegħu fejn jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati ma semmietx li applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 u b'mod limitat ħafna dwar dik il-parti fejn irrefera għat-tul taż-żmien li ħa l-proċess. Qegħda tqis l-ammont ta' pilloli ecstasy msemmija u li t-traffikar tal-cannabis kien mifrux għal ċertu

żmien. Għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-23 ta’ Frar 2012 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija kontra Leo Borg’ billi waqt li qed tikkonfermaha f’dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u fejn ordnat il-ħlas tal-ispejjeż peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, u fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga u tas-samsung KA166.2006 (mobile Samsung) IMMA MHUX tal-vettura appartenenti għal Kristen Mifsud u d-dokumenti personali tal-appellant u qed tirrevokaha u tibdilha f’dik il-parti fejn ikkundannatu għal piena ta’ tliet snin priġunerija u għall-ħlas ta’ multa ta’ €3000 u minflok qed tikkundannah għal piena ta’ priġunerija ta’ sentejn u seba’ xhur u għall-ħlas ta’ multa ta’ €2500. Il-multa tista’ titħallas fi żmien 30 xahar mid-data tas-sentenza. Iż-żmien li l-appellant għadda jgħaddi taħt arrest preventiv għandu jitnaqqas mill-piena.

**Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex kemm jista’ jkun malajr l-appellant ikompli r-riabilitazzjoni tiegħu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------